MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 209/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anthony Muscat**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Muscat talli fis-26 ta’ Lulju 2003 ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta’ wara nofs in-nhar, waqt li kien fi Triq il-Kbira, Sannat, (**1**) saq karozza bin-numru KAR-619 b’manjiera traskurata u (**2**) perikoluza, [u] (**3**) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti habat ma’ karozza ABH-381 u kkaguna hsarat b’detriment ghal James Vella minn Sannat; u aktar (**4**) talli fl-istess gurnata, hin u post saq jew ipprova jsuq u kien fil-kontroll tal-karoza bin-numru KAR-619 fi triq jew f’post pubbliku iehor wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs kien izjed mill-limitu preskritt; l-

ewwel qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija timpedixxi lill imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perjodu li jidrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-23 ta' Ottubru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Anthony Muscat hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' mitejn lira (Lm200), u skwalifikatu mil-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anthony Muscat, minnu prezentat fil-5 ta' Novembru, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Frar, 2004; ikkunsidrat:

Fl-udjenza msemmija, cioe` dik tal-20 ta' Frar, 2004, l-appellant, tramite l-abbili difensur tieghu Dott. Anton Refalo, irtira u ceda l-ewwel tlett aggravji kif jirrizultaw elenkati u enumerati fit-tieni faccata tar-rikors ta' appell. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra r-rimanenti tlett aggravji *seriatim*.

L-ewwel aggravju hu fis-sens li meta l-Pulizija gabru lill-appellant u haduh l-Ghassa biex jaghmlulu l-analizi tan-nifs, dawna gabruh mhux minn fuq il-post ta' l-incident izda mid-dar tieghu, u, terga', gabruh xi siegha wara li kien sehh l-incident. Ghalhekk skond l-appellant *"…tonqos il-prova importanti u essenzjali li riedet tipproduci l-Pulizija li l-imputat appellant kien fil-kontroll ta' vettura jew kien isuq jew ipprova jsuq l-istess vettura meta kellu alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt."* Skond l-appellant, wara li kemm kemm mess il-vettura ta' Vella minn wara (ghax saqajh kienet zelqet minn fuq il-*clutch*), hu dahal bil-kwiet gewwa d-dar tieghu u xorob tlett fliexken birra, u kien wara li xorob dawn it-tlett fliexken birra li l-Pulizija gabruh u haduh l-Ghassa. Hu jghid li meta habat mal-vettura ta' Vella hu kien xorob biss flixkun birra xi tlett sieghat qabel.

Issa, din il-Qorti kellha l-pjacir dubbjuz li tisma' l-provi kollha f'din il-kawza – inkluz lill-appellant – u hi konvinta li meta l-appellant dahal mhux darba izda tlett darbiet fil-vettura ta' Vella (li kienet parkeggjata mal-genb tat-triq) huwa kien fis-sakra b'tali mod li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq fis-sens tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 15A. Huwa veru, pero`, li minn meta saret il-habta sa ma l-appellant ingabar mill-Pulizija ghaddew kwazi siegha, u ma hux eskluz li l-appellant, meta dahal f'daru, rega kompla jixrob, b'tali mod li ma jistax jinghad b'certezza morali li l-livell ta' alkohol fin-nifs li rrizulta mill-analizi li saret fil-Ghassa (ara d-dokument a fol. 2) kien necessarjament il-livell li kien prezenti proprju fil-hin tal-habta. F'dan is-sens, ghalhekk, huwa korrett l-appellant meta jghid li ma setax jinstab hati skond l-Artikolu 15B tal-Kap. 65. Dak li qieghed konvenjentement jinsa, pero`, l-appellant huwa l-Artikolu 15A(1) li jipprovdi ghal reat indipendentement mill-livell ta' alkohol. L-Artikolu 15A(1), infatti, jipprovdi li:

**Ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha controll ta' *motor-car* jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.**

Is-subartikolu (2), inbghad, jippreciza li ghall-finijiet ta' dana l-artikolu persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacita` taghha li ssuq sew tkun ghal xi hin imnaqqsa. Fil-fehma tal-Qorti r-reat kontemplat f'dana l-Artkolu 15A(1) huwa kompriz u involut f'dak kontemplat fl-Artikolu 15B. Filwaqt li fil-kaz tal-Artikolu 15B ir-reat hu marbut ma' livell partikolari ta' alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina – fis-sens li appena jinqabez dak il-limitu hemm il-presunzjoni *juris et de jure* li dak li jkun ma kienx f'kundzzjoni li jsuq minhabba x-xorb – fl-kaz tal-Artikolu 15A(1) il-legislatur ma ppreskriva ebda livell partikolari ta' alkohol fis-sistema tas-sewwieq, b'mod li anke b'livell anqas minn dak "preskritt" tista' tinstab htija taht dana l-artikolu jekk oggettivament ikun jirrizulta li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb (jew drogi). Fi kliem iehor, persuna li tkun akkuzata taht l-artikolu 15B tista' ma tinstabx hatja taht dana l-artikolu izda minflok

tinstab hatja taht l-Artkolu 15A(1)[1]. Issa fil-kaz odjern din il-Qorti hi propensa li tikkoncedi li r-rizultat tal-analizi tan-nifs kif jirrizulta fid-dokument a fol. 2 kien affett mix-xorb li l-appellant kien xorob wara li habat mal-vettura ta' Vella; izda mid-deposizzjonijiet ta' P.S. 1424 Mario Sciberras, ta' James Vella kif ukoll ta' Denise Farrugia din il-Qorti hi arcikonvinta li l-appellant kien fis-sakra fil-mument tal-habta b'tali mod li definittivament il-kapacita` tieghu li jsuq sew kienet f'dak il-hin imnaqqsa. Ghalhekk din il-Qorti ser tilliberah mill-imputazzjoni numru erbgha izda sejra minflok issibu hati skond l-Artikolu 15A imsemmi.

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li ma jirrizultax li kien hemm sewqan traskurat jew perikoluz. L-appellant hawnhekk ghandu ragun in parti biss, u cioe` fis-sens li l-mod kif habat tlett darbiet hu u jipprova jipparkeggja l-vettura tieghu kien jammonta ghal sewqan traskurat izda certament mhux ghal sewqan perikoluz.

It-tielet u l-ahhar aggrvju jirrigwarda l-piena. Issa, a propositu tal-multa inflitta din hi fil-minimu taghha anke fir-rigward tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15A (ara l-Artikolu 15H(1)(a) tal-Kap. 65). F'dan il-kaz, minhabba l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 15H mhix applikabbli l-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan skond l-imsemmi subartikolu. Hija pero` applikabbli l-iskwalifika skond l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, u dana in vista tat-talba tal-prosekuzzjoni kif maghmula quddiem l-ewwel Qorti (cioe` kif tirrizulta mill-komparixxi). Huwa veru li fl-udjenza tal-20 ta' Frar, 2004 Dott. Stephen Tonna Lowell ghall-prosekuzzjoni iddikjara li *"…jekk l-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan hija wahda tassattiva il-prosekuzzjoni ma toggezzjonax li l-iskwalifika tas-sewqan tinghata fil-minimu taghha."* Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni mhix tirtira t-talba taghha ghall-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan, izda qeghda semplicement tissuggerixxi l-minimu. Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel ma' dan is-suggeriment. Mill-fedina penali ezibita jirrizulta li l-appellant fl-1998 kellu kaz iehor ta' sewqan traskurat (u perikoluz) li rrizulta anke fi griehi gravi fuq *pedestrian*. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti

[1] A propositu tad-differenza bejn l-Artikolu 15A u 15B ara wkoll ***Il-Pulizija v. Francis Pace*** App. Krim. 2/9/1999, u ***Il-Pulizija v. Marlon Montebello*** App. Krim. 9/2/2001.

hi tal-fehma li m'ghandhiex tapplika l-minimu – pjuttost redikolu – ta' tmint ijiem skwalifika, izda ghanda tapplika skwalifika li tkun ta' lezzjoni ghall-appellant.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi (1) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond ir-raba' imputazzjoni, izda minflok issibu hati li saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-karozza KAR-619 li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta huwa ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb; (2) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' sewqan b'manjiera perikoluza; (3) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn skwalifikat lill-appellant mill-licenzja tieghu tas-sewqan ghall-periodu ta' sitt xhur u minflok tiskwalifikah mill-imsemmija licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' erba' xhur (liema periodu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada); u (4) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------